REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 627/2014

tat-12 ta' Ġunju 2014

li jemenda r-Regolament (UE) Nru 582/2011 biex jiġi adattat għall-progress tekniku fir-rigward ta' monitoraġġ ta' materja partikolata tas-sistema dijanjostika abbord il-vettura

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 595/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2009 dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur u magni rigward l-emissjonijiet minn vetturi heavy-duty (Euro VI) u dwar l-aċċess għal informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vetturi u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 715/2007 u d-Direttiva 2007/46/KE u li jħassar id-Direttivi 80/1269/KEE, 2005/55/KE u 2005/78/KE [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 5(4) u l-Artikolu 12(3) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 582/2011 [2] jistabbilixxi l-obbligu tal-Kummissjoni li twettaq reviżjoni dwar il-fattibbiltà teknika ta' monitoraġġ, għal vetturi ta' tqabbid bil-kompressjoni, il-prestazzjoni ta' filtru tal-partikuli tad-diżil (DPF) meta mqabbla mal-ogħla limiti tas-sistema dijanjostika abbord il-vettura (OTLs) stabbiliti fit-Tabella 1 tal-Anness X ta' dak ir-Regolament.

(2) Il-Kummissjoni wettqet dik ir-reviżjoni u kkonkludiet li t-teknoloġija kapaċi mill-monitoraġġ tal-prestazzjoni tad-DPF meta mqabbla mal-OTLs hija disponibbli. Madankollu, minn dik ir-reviżjoni jirriżulta wkoll li huwa xieraq li tiġi diferita d-data tal-implimentazzjoni ta' dawk ir-rekwiżiti tal-prestazzjoni tad-DPF sabiex jingħata biżżejjed żmien lill-industrija biex tiżgura d-disponibilità tat-tagħmir f'termini ta' produzzjoni tal-massa u l-adattament tagħha għall-vetturi. Huwa għalhekk meħtieġ li tiġi adattata t-Tabella 1 tal-Appendiċi 9 tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 582/2011, sabiex tiġi inkluża d-data ta' implimentazzjoni l-ġdida.

(3) Barra minn hekk, u fil-każ ta' magni ta' tqabbid bl-ispark plaggs, it-Tabella 1 tal-Appendiċi 9 tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 582/2011 għandha tiġi adattata wkoll billi tiddaħħal kolonna li tirreferi għall-ħtieġa li l-livelli ta' monossidu tal-karbonju jiġu mmonitorjati waqt li jiġu mqabbla mal-OTLs stabbiliti fit-Tabella 2 tal-Anness X tar-Regolament (UE) Nru 582/2011, kif ukoll il-kolonna li tirreferi għar-rekwiżiti stabbiliti fil-punti 6. sa 6.5.5.1 tal-Anness X ta' dak ir-Regolament

(4) Ir-Regolament (UE) Nru 582/2011 għandu għalhekk jigi emendat skont dan.

(5) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Tekniku — Vetturi bil-Mutur,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (UE) Nru 582/2011 huwa emendat kif ġej:

(1) fl-Artikolu 4, il-paragrafu 8 jinbidel b'dan li ġej:

"8. Fuq talba tal-manifattur, sal-31 ta' Diċembru 2015, fil-każ ta' tipi ġodda ta' vetturi jew magni u sal-31 ta' Diċembru 2016 għall-vetturi ġodda kollha mibjugħa, irreġistrati jew imqiegħda fis-servizz fl-Unjoni, il-fabbrikant jista' jekk irid, juża dispożizzjonijiet alternattivi għall-monitoraġġ tad-DPF kif stipulat fil-Punt 2.3.3.3 tal-Anness X.";

(2) L-Anness I huwa emendat skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

[1] ĠU L 188, 18.7.2009, p. 1.

[2] Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 582/2011 tal-25 ta' Mejju 2011 li jimplimenta u jemenda r-Regolament (KE) Nru 595/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward l-emissjonijiet minn vetturi heavy-duty (Euro VI) u li jemenda l-Annessi I u III għad-Direttiva 2007/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 167, 25.6.2011, p. 1).

Artikolu 2

L-approvazzjonijiet tat-tip mogħtija għal magni ta' tqabbid bil-kompressjoni u vetturi skont l-Ittra B fit-Tabella 1 tal-Appendiċi 9 tal-Anness I qabel id-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, għandhom jibqgħu validi wara dik id-data.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Ġunju 2014.

Għall-Kummissjoni

Il-President

José Manuel BARROSO

ANNESS

It-Tabella 1 fl-Appendiċi 9 tal-Anness tar-Regolament (UE) Nru 582/2011 jinbidel b'dan li ġej:

"Tabella 1

Ittra	NO_x OTL (1)	PM OTL (2)	CO OTL (6)	IUPR	Reaġent tal-kwalità u l-konsum	Dati tal-implimentazzjoni: tipi ġodda	Dati tal-implimentazzjoni: il-vetturi kollha	L-aħħar data ta' reġistrazzjoni
A	Ir-ringiela 'il-perjodu ta' dħul gradwali' tat-Tabella 1 jew tat-Tabella 2	Monitoraġġ tal- prestazzjoni (3)		Id-dħul gradwali (7)	Id-dħul gradwali (4)	31.12.2012	31.12.2013	31.8.2015 (9) 30.12.2016 (10)
B (11)	Ir-ringiela 'il-perjodu ta' dħul gradwali' tat-Tabella 2		Ir-ringiela 'il-perjodu ta' dħul gradwali' tat-Tabella 2	Id-dħul gradwali (7)	Id-dħul gradwali (4)	1.9.2014	1.9.2015	30.12.2016
C	Ir-ringiela 'rekwiżiti ġenerali' tat-Tabella 1 jew tat-Tabella 2	Ir-ringiela 'rekwiżiti ġenerali' tat-Tabella 1	Ir-ringiela 'rekwiżiti ġenerali' tat-Tabella 2	Ġenerali (8)	Ġenerali (5)	31.12.2015	31.12.2016	

Spjega:
(1) 'NOx OTL' rekwiżiti ta' monitoraġġ kif stipulati fit-Tabella 1 u 2 tal-Anness X.
(2) 'PM OTL' rekwiżiti ta' monitoraġġ kif stipulati fit-Tabella 1 tal-Anness X.
(3) Ir-rekwiżiti tal-'monitoraġġ tal-prestazzjoni' kif stipulati fil-Punt 2.1.1 tal-Anness X.
(4) Ir-rekwiżiti ta' 'dħul gradwali' tar-reaġent tal-kwalità u l-konsum kif stipulati fil-Punti 7.1.1.1 u 8.4.1.1. tal-Anness XIII.
(5) Ir-rekwiżiti 'ġenerali' tar-reaġent tal-kwalità u l-konsum kif stipulati fil-Punti 7.1.1. u 8.4.1. tal-Anness XIII.
(6) 'CO OTL' rekwiżiti ta' monitoraġġ kif stipulati fit-Tabella 2 tal-Anness X.
(7) Ir-rekwiżiti ta' 'dħul gradwali' IUPR kif stipulati fil-punti 6.4.4, 6.5.5 u 6.5.5.1 tal-Anness X.
(8) Ir-rekwiżiti 'ġenerali' IUPR kif stipulati fit-Taqsima 6 tal-Anness X.
(9) Għal magni u vetturi bi starjar pożittiv mgħammra b'tali magni.
(10) Għal magni u vetturi bi startjar bil-kompressjoni mgħammra b'tali magni.
(11) Applikabbli biss għal magni u vetturi bi startjar pożittiv mgħammra b'tali magni."